**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Gunju, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 103/2021 AF**

**Bank of Valletta plc (C-2833)**

**vs**

**Maged Nasrallah già Maged Attia u b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Dicembru 2022, il-Qorti tilqa' t-talba u tawtorizza lill-Angy Shourky Ibrahin Shenouda tintervjeni f'dawn il-proceduri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta plc kif debitament rappreżentant minn Johanna Bartolo, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Licari datat 24 ta' Lulju 2013, (Dok. "A"), is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Maged Nasrallah già Maged Attia. Is-socjetà attrici tippreciza li l-konvenut kien bidel kunjomu minn "Attia" ghal "Nasrallah" kif iddikjara huwa stess fid-dikjarazzjoni tieghu li kopja taghha qed tigi hawn esibita u markata Dokument "AX".

Is-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Maged Nasrallah già Maged Attia fis-somma ta' sebgha u hamsin elf, tlett mija u erbat Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€57,304.52) bilanċ għad-debitu fil-"*House Loan Account*" ta' Maged Nasrallah già Maged Attia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-25 ta' Dicembru 2020 sad-data tal-effettiv pagament.

Seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bħala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Maged Nasrallah già Maged Attia:

a. naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Maged Nasrallah già Maged Attia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

L-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Maged Nasrallah già Maged Attia gie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2019, li kopja tagħha qed tiġi hawn esibita u immarkata Dok. 'C' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżibit bħala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Maged Nasrallah già Maged Attia (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Maged Nasrallah già Maged Attia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tikkundanna lil Maged Nasrallah già Maged Attia iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebgha u hamsin elf, tlett mija u erbat Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€57,304.52) bilanċ għad-debitu fil-"*House Loan Account*" ta' Maged Nasrallah già Maged Attia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-25 ta' Dicembru 2020 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2019 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti anness.

Rat illi b'digriet tal-5 ta' Mejju 2021, il-Qorti awtorizzat in-notifika bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Rat illi l-intimat baqa' ma ppreżentax tweġiba.

Rat illi b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2022 il-Qorti awtorizzat lil Angy Shourky Ibrahim Shenouda sabiex tintervjeni fil-kawża.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi minkejja l-fakoltà lilhom konċessa il-partijiet baqgħu ma' ppreżentawx noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ ta' faċilitajiet bankarji senjatament self konċess lill-konvenut fuq kuntratt ta' bejgħ u xiri ta' proprjetà datat 24 ta' Lulju 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Licari. Is-somma konċessa b'self kienet fl-ammont ta' €54,000. Minn dan l-ammont sal-lum għadu ma tħallas xejn bil-konsegwenza li sad-data tat-8 ta' Frar 2021 ossia meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni il-bilanċ dovut kien fis-somma ta' €57,304.52. Il-Bank talab għalhekk il-ħlas tas-somma fl-intier tagħha oltre l-imgħax ulterjuri mill-25 ta' Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

B'rikors tas-26 ta' Novembru 2021 Angy Shourky Ibrahim Shenouda talbet li tintervjeni fil-kawża stante l-fatt illi d-dejn mertu ta' din il-kawża qiegħed jaggrava proprjetà li ġiet assenjata lilha b'sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-22 t'Ottubru 2020 fl-ismijiet Angy Shourky Ibrahim Shenouda vs Maged Aziz Nasrallah. Minn din is-sentenza jirriżulta li is-self ġie konċess lill-konvenut fuq premessa falza li dan ta' l-aħħar għamel meta ddikjara mal-bank li kien divorzjat ai termini ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru 2012. Żgur li dan mhuwiex il-forum għad-diskussjoni tal-veraċità o meno tad-dikjarazzjoni magħmluha mill-konvenut fil-mument tal-konċessjoni tas-self u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tinoltra f'dik il-kwistjoni. Semmai, din hija kwistjoni li jrid jara l-Bank f'referenza għar-riċerki u aċċertazzjonijiet li saru jew messhom saru fil-mument opportun u qabel saret il-konċessjoni.

Għall-fini tat-talba kif dedotta fil-kawża tal-lum, jirriżulta li bis-sentenza tat-22 t'Ottubru 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) assenjat il-proprjetà ossia l-appartament numru 4, Blokk 834, St Joseph High Road, Ħamrun lil Angy Shourky Ibrahim Shenouda waqt illi ordnat illi d-dejn gravanti l-istess proprjetà jibqa' jitħallas mill-intimat odjern.

Wara li ġie kkonfermat li sal-lum baqgħu ma sarux ħlasijiet għas-saldu, il-Qorti ma tistax ħlief tilqa' t-talbiet kif dedotti u tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tas-somma fl-intier inkluż ukoll l-imgħax ulterjuri dekoribbli mid-data tal-25 ta' Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

Jibqghu impregudikati d-drittijiet li l-intervenuta fil-kawza jista' jkollha fil-konfront tal-intimat odjern.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' t-talbiet kif dedotti u għalhekk waqt illi tiddikjara lill-konvenut Maged Nasrallah già Maged Attia debitur ta' Bank of Valletta plc fis-somma ta' sebgha u hamsin elf, tlett mija u erbat Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€57,304.52), tikkundannah iħallas l-ammont likwidat inkluż l-imgħax ulterjuri dekoribbli mid-data tal-25 ta' Diċembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' din il-kawża inkluż ukoll dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju 2019 għandhom jitħallsu mill-konvenut. L-intervenuta ghandha thallas l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG